# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

**Seduta ta' nhar id-19 ta' Mejju 2022**

**Rikors Numru : 169/2022 JPG**

**Kawza Numru : 24**

**DD**

**Vs**

**CD**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta' DD datat 25 ta' Marzu 2022, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

*Illi l-partijiet izzewgu nhar fis-sebgha (7) ta' Mejju tas-sena elfejn (2000) fil-Knisja Parrokjali ta' San Filep, Haz-Zebbug;*

*Illi minn dan iz-zwieg u f'X kien twieled ukoll tifel minuri bl-isem ta' JD, liema tifel illum huwa maggorenni u ghandu l-eta' ta' X;*

*Illi ai termini tal-Artikolu 66B(b) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta, l-esponenti jiddikjara illi sussegwentement il-partijiet isseparaw minn ma xulxin permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni in atti tan-Nutar Dr. Reuben Debono datat is-sitta u ghoxrin (26) ta' Frar tas-sena elfejn u erbatax (2014) – hawn anness u mmarkat bhala "Dok A";*

*Illi apparti dan il-partijiet jiddikjaraw illi huma ilhom separati de facto sa mis-sena*

*elfejn u tletax (2013);*

*Illi inoltre' ai termini tal-Artikolu 66B(c) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta l-esponent jiddikjara wkoll illi ma jezisti l-ebda prospett ragjonevoli ta' rikonciljazzoni bejn il-partijiet;*

*Illi ma jezistu l-ebda kwistjonijiet ohrajn pendenti bejn il-partijiet, jekk jekk monetarji, finanzjarji jew xorta ohra;*

*Illi ghalhekk jikkonkorru l-elementi kollha rikjesti mil-Ligi ghall-hall definittiv taz-zwieg u ghad-divorzju bejn il-partijiet;*

*Illi inoltre' l-esponent jiddikjara wkoll illi huwa domiciljat f'Malta u dan ghall-effetti u l-finijiet kollha tal-Arikolu 66B(1)(a) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.*

*Ghaldaqstant, l-esponent jitlob umilment lil din l-Onorabbli Qorti sabiex joghgobha tiddikjara z-zwieg tieghu mal-intimata CD mahlul b'mod definittiv u li l-paritjiet huma divorzjati ghall-finijiet u l-effetti kollha tal-Ligi u sabiex din l-istess Onorabbli Qorti konsegwentement tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex fi zmien imholli ghal daqshekk, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet, sabiex b'hekk dan ikun jista' jigi registrat fir-registru Pubbliku skond il-ligi, u dan taht dawk il-procedimenti kollha li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha li huma xierqa u opportuni.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat ir-risposta ta' CD datata 29 ta' April 2022, a fol 12 et seqq., li taqra hekk:

1. *Illi ghalkemm l-esponenti ma gietx notifikata bir-rikors ta' divorzju intavolat mir-rikorrent zewgha nhar il-25 ta' Marzu 2022, sabiex ma jitwalux il-proceduri inutilment, permezz tal-prezenti qed taghti lilha nnifisha b'notifikata bl-istess, inkluz bl-avviz tas-smiegh li ghalih ser tidher quddiem din l-Onorabbli Qorti u tikkonferma s-segwenti fatti bil-gurament;*

2. *Illi l-partijiet izzewgu nhar is-sebgha ta' Mejju tas-sena elfejn (07/05/2000) fil-Knisja Parokkjali ta' San Filep, Haz-Zebbug;*

3. *Illi minn dan iz-zwieg twieled tifel, JD, illi twieled f'X u li llum il-gurnata huwa maggorenni u ghandu Y (u mhux X) sena kif erronjament indikat fir-rikors tar-rikorrent. Jinghad illi prezentement il-wild mhux qieghed jistudja u ghalhekk mhux dovut jithallas manteniment ghalih;*

4. *Illi huwa minnu illi l-partijiet huma legalment isseparati permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni fl-atti tan-Nutar Dottor Reuben Debono datat sitta u ghoxrin ta' Frar tas-sena elfejn u erbatax (26/02/2014);*

5. *Illi huwa minnu ukoll illi l-partijiet kien ilhom de facto sseparati pero dan mis-sena elfejn u tnax (2012) u mhux mis-sena elfejn u tlettax (2013) kif indikat b'mod erronju fir-rikors tar-rikorrent;*

6. *Illi l-esponenti taqbel illi ma jezisti ebda prospett ragjonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u llum il-gurnata, l-partijiet ghandhom hajja totalment separata minn xulin;*

7. *Illi huwa minnu wkoll illi prezentement, ma hemmx kwistjonijiet bejn il-partijiet;*

8. *Illi in oltre, fil-kuntratt ta' separazzjoni taghhom (klawsola numru 7 ta' Dok 'A' prezentat mir-rikorrent), il-partijiet iddekadew mid-dritt illi jitolbu u/jew jircievu manteniment minghand xulxin u ghaldaqstant m'hemmx kwistjonijiet ta' manteniment bejn il-konjugi versu xulxin;*

9. *Illi l-esponenti m'ghandhiex oggezzjoni illi dan iz-zwieg taghha mar-rikorrent jigi xolt, pero jinghad illi l-esponenti ma kellha l-ebda interess illi tiehu dan id-divorzju u m'hijiex lesta illi thallas ghall-ispejjez tieghu u ghaldaqstant qieghda toggezzjona ghall-hlas tal-ispejjez abbinati ma' din il-kawza;*

10. *Illi <u>l-esponenti tixtieq tirreverti lura ghal kunjomha xebba u cioe` 'C' u ghaldaqstant hija umilment titlob lil din l-Onorabbili Qorti sabiex tordna il-bdil ta'</u>*

<u>*kunjom l-esponenti fid-digriet ta' divorzju relattiv;*</u>

*Salv dawk il-provvedimenti kollha li din l-Onorabbli Qorti jidhirla xierqa u opportuni.*

Ezaminat ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat illi l-avukati difensuri tal-partijiet iddikjaraw nhar l-4 ta' Mejju 2022 li ma kellhomx aktar provi x'jipproducu jew trattazzjoni x'jaghmlu u stiednu l-Qorti tghaddi ghas-sentenza (vide fol 14);

Rat ukoll it-talba tal-partijiet sabiex iz-zmien ghat-terminu tal-Appell jkun akkorcat ghal jumejn, liema talba giet milqugh seduta stante (vide fol 14);

**Ikkonsidrat:**

**CD xehdet** (vide affidavit a fol 19) illi l-kontendenti zzewgu nhar is-7 ta' Mejju 2000 u li minn dan iz-zwieg twieled tifel, illum maggorenni. Sostniet illi filfatt dan iz-zwieg ma rnexxiex u l-kontendenti sseparaw de facto fis-sena 2012 u sseparaw legalment permezz ta' kuntratt nhar is-26 ta' Frar 2014 fl-atti tan-Nutar Dr Reuben Debono. Iddikjarat illi mis-separazzjoni sal-lum qatt ma kien hemm rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u llum ma hemm ebda prospett ragjonevoli ghal tali rikonciljazzjoni. Ikkonferma di piu', li ma hemm ebda manteniment dovut bejniethom. Xehdet illi ghalkemm ma toggezzjonax ghad-divorzju, oggezzjonat ghall-ispejjes ta dawn il-proceduri stante illi ma kellha ebda nteress li tiehu d-divorzju. Finalment uriet ix-xewqa taghha sabiex tirriverti ghal kunjom xbubitha u cioe' C.

**DD xehed** (vide affidavit a fol 21) u kkonferma u kkollabora dak li xehdet l-intimata.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

> ***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza.***
>
> ***(… omissis)***
>
> ***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***
>
> ***(a) fil-każ li t-talba tkun qed issir miż-żewġ konjuġi flimkien, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sitt xhur mis-sena preċedenti:***
>
> ***Iżda fejn it-talba tkun qed issir minn konjuġi minnhom kontra l-ieħor, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sena mis-sentejn preċedenti; jew***
>
> ***(b) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti; u***
>
> ***(ċ) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***
>
> ***(d) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat,***

***fejn hu dovut, skont iċ- ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment:***

***Iżda wkoll għall-fini ta' dan il-paragrafu, l-manteniment ordnat mill-qorti b'sentenza ta' separazzjoni jew miftiehem bejn il-miżżewġin f'kuntratt ta' separazzjoni għandu jiġi meqjus bħala manteniment adegwat:***

***Iżda wkoll id-divorzju ppronunzjat bejn persuni miżżewġin li kienu separati b'kuntratt jew b'sentenza ma jġib ebda bidla f'dak ordnat jew miftiehem bejniethom, ħlief għall-effetti tad-divorzju li joħorġu mil-liġi.***

**Ikkonsidrat:**

Il-kontendenti kkonfermaw bil-gurament li huma kienu zzewgu nhar is-7 ta' Mejju 2000, liema zwieg igib c-certifikat numru 549/2000 (Vide, certifikat taz-zwieg fol 17). Minn dan iz-zwieg twieled tifel, illum maggorenni.

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt ppubblikat nhar is-26 ta' Frar 2014 fl-atti tan-Nutar Dr Reuben Debono (Vide Dok A, fol 3 et seqq). Ghalhekk jirrizulta illi l-kontendenti ilhom separati ghal terminu ta' zmien li jeccedi dak rikjest mill-ligi.

Jirriżulta ukoll illi ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

Il-Qorti tqis inoltre li ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Rat illi l-intimata iddikjarat fir-risposta taghha illi tixtieq tirriverti ghal kunjom xbubitha u cioe' C liema talba qed tigi akkoljata.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrenti irnexxielu jissodisfa r-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, liema zwieg jgib certifikat numru 549/2000 u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien jumejn millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku. Di piu' tawtorizza lill-intimata sabiex tirriverti ghal kunjom xbubitha u cioe' C, u tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jiehu l-azzjoni mehtiega.**

**Ghal rigward l-ispejjes tal-kawza, minkejja l-oggezzjoni taghha ghal-ispejjes tal-kawza, l-intimata irrikorriet ghal tali proceduri sabiex titlob li tirriverti ghal kunjom xbubita. Ghaldaqstant, il-Qorti tqis ili jkun ghaqli u gust li tordna li l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**